# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


## Minuti tal-laqgħa 20 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal 20-il laqgħa fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Ħamis, 5 ta' Settembru 2013, fis-siegħa ta' wara nofs inhar. (1:00pm)

### Prezenti

Il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall talab li jkun skuzat peress li kien jinsab ma jiflaħx.

Staff Klerikali – Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

### Talba

Il-Viċi Sindku, s-Sur Trevor Mizzi qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Kunsil approva unanimament il-minuti ta' 19-il laqgħa.

1.2 Is-Sur Lawrence Attard talab li ssir korrezjoni fil-minuti u f'paragrafu numru 8.1 qabel il-kliem 'fuq proposta as-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Anton Gellel, il-Kunsill qabel unanimanet li Gieħ il-Birgu jingħata lis-Sur Lawrence Mizzi għal kontribut tiegħu fil-qasam edukattiv u tax-xandir. jitnizzel il-kliem 'Wara li l-Kunsill iddiskuta diversi proposti għan-nominazzjoni ta' diversi persuni sabiex jingħata Gieħ il-Birgu'.

1.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Kunsill ta' Amalfi dwar l-iffirmar tal-ġemellaġġ. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wieġbet fin-negattiv.

1.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienux saru l-arranġamenti sabiex il-perit jagħmel spezzjoni fil-maħzen tal-Planċier fil-Ħawli. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Perit kien ser jagħmel din l-ispezzjoni fil-jiem li gejjien.

1.5 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-progett EYES. Il-Kunsillier s-Sur Alan Cassar talab sabiex jiġi prezentat x'ser jibbenifika l-Kunsill minn dawn il-proġetti u xi nfieq kien se jkollu l-Kunsill.

1.6 Il-Kunsill qabel sabiex tintbgħat korrispondenza lis-Sinjura Liliana Camilleri mill-programm Xarabank fejn tiġi nfurmata li l-Kunsill ma kienx ser jipparteċipa jekk ma jingħatax ħin speċifiku peress li sena l-oħra il-Kunsill kien ingħata spazju ta' zewġ minuti fl-aħħar tal-programm. Il-Kunsill qabel li jibgħat *video clip* fuq Birgu Fest.

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Inqrat korrispondenza li nbgħatet lis-Sindku tal-Kunsill ta' St Tropez dwar l-istedina sabiex flimkien ma' l-Onorevoli Jose Herrera jiġi inawgurat Birgu Fest 2013.

2.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tas-Soċjeta' Muzikali San Lawrenz fejn ġie propost li ssir laqgħa nhar il-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2013 fis-7 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li laqgħa ssir f'din il-ġurnata u jiġi diskuss il-maħzen tal-Plancier fil-Ħawli u affarijiet oħra li s-Soċjeta tħoss li għandha tressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill ta' Belvi fejn il-Kunsill wera l-interess tiegħu biex jipparteċipa fil-proġett *Our Green Future*.

2.9 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill dwar l-laqgha li kellha ma' uffiċjali tad-Dipartiment tat-Taxxi interni sabiex jintlaħaq ftehiem biex jitħallsu t-taxxi arretrati tal-impjegati tal-Kunsill tas-sena 2011 u s-sena 2012 li jammontaw għall-€24,211.07. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat dan il-ftehiem u jitħallas l-ammont ta' €1,219.07 bħala l-ewwel pagament u wara jibda jitħallas l-ammont ta' €479 fl-aħħar ta' kull xahar jibda mit-30 ta' Ottubru 2013 sat-30 ta' Settembru 2017. Is-Sur Cassar staqsa x'kienet ir-raġuni li dawn il-ħlasijiet ma sarux.

2.10 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kap ta' l-Opozizzjoni l-Onorevoli s-Sur Simon Busuttil kien ser izur il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru 2013 fil-11.00 ta' filgħodu.

3. <u>Birgu Fest 2013</u>

3.01 Il-Kunsill tkellem dwar il-preparamenti u l-attivitajiet li ser isiru matul Birgu Fest 2013. Il-Kunsill qabel unanimament li jinħarġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet għall:

a.Sistema ta' dawl u attrezzatura madwar l-istages fi Pjazza Vittoriosa, fi Triq it-Torri ta' San Gwann, Belvedere, is-Sur il-Kanuni, Short Film Festival u l-entratura tal-Birgu matul il-Birgu Fest 2013
b. PA Sound System fi Triq it-Torri ta' San Gwann, Belvedere, is-Sur il-Kanuni, Short Film Festival matul il-Birgu Fest 2013.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir il-ħlas sabiex issir l-applikazzjoni tad-dawl, għas-servizz ta' *Civil Protection* u għal ħlas ta' *overtime* għal ħaddiema tal-Enemalta li ser ikunu qed jieħdu ħsieb id-dawl matul Birgu Fest 2013.

4. Rapport tal-*Interviewing Board* dwar l-intervisti lill-applikanti għall-ingagg ta' skrivana *part time*

4.1 Tressaq ir-rapport imħejji mill-*Interviewing Board* dwar l-intervisti lill-applikanti għall-ingagg ta' skrivan/a *part time* mal-Kunsill. Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport fid-dettal, qabel unanimament li ssir laqgħa mal-membri tal-*Board* sabiex jiġi diskuss flimkien magħhom dan ir-rapport u wara l-Kunsill ikun jistgħa jieħu deċizjoni.

5. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema Xogħol tal-Komunita' u ta' l-IPSL

5.1 Id-Deputat Segretarja Ezekuttiv informat lill-Kunsill li s-Sindku kien informha li ma kienx ser jiddeliga x-xogħol hu lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema Xogħol fil-Komunita'. Għalhekk il-Kunsill intalab sabiex jitħejja pjan ta' ħidma ħalli jiġi assenjat lil dawn il-ħaddiema. Il-Kunsill semma l-bżonn li jitnaddfu regolarment il-bandli, iċ-ċimiterju, jinġabru l-affarijiet tal-bulky kif ukoll li jingħalqu t-toqob ta' l-arbli tal-festa.

6. Jum il-Birgu

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li ser isiru f'Jum il-Birgu nhar is-Sibt, 7 ta' Settembru 2013 fis-6 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiza totali biex tittella' din l-attivita' tkun ta' madwar €1200.

Il-laqgħa spiċċat fl-4.15 ta' wara nofs inhar.

____________________________ ____________________________

Isabella Testaferrata De Noto — ikkonfermati Trevor Mizzi
Deputat Segretarju Ezekuttiv — Vici Sindku